



Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Rechtbank Den Haag zittingsplaats Zwolle (il-Pajjiżi l-Baxxi) fl-4 ta' Lulju 2025 – PM et vs Minister van Asiel en Migratie

(Kawża C-440/25, Erbil ⁽¹⁾)

(C/2025/4748)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Rechtbank Den Haag zittingsplaats Zwolle

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: PM, QN, RM, SM, TM, UM, VM u WM

Konvenuti: Minister van Asiel en Migratie

Domandi preliminari

- 1) Ir-rechtbank (il-Qorti Distrettwali, il-Pajjiżi l-Baxxi) tista' tiddeduċi mill-Artikolu 46(3) tad-Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni) ⁽²⁾, kemm jekk moqri jew mhux moqri flimkien mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jew ma' kwalunkwe dispożizzjoni oħra jew ma' prinċipju ieħor tad-dritt tal-Unjoni, is-setgħa li twettaq hija stess evalwazzjoni tal-kredibbiltà ta' narrazzjoni mogħtija insostenn ta' applikazzjoni għal ažiż u b'hekk tissostitwixxi l-evalwazzjoni tal-Ministru?
- 2) Ir-rechtbank (il-Qorti Distrettwali) tista' tiddeduċi minn waħda mid-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq, is-setgħa li tiddeċiedi fuq il-mertu u b'mod definittiv fuq l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali abbażi ta' narrazzjoni mogħtija insostenn ta' applikazzjoni għal ažiż meqjusa kredibbli mill-Ministru u, fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, abbażi ta' narrazzjoni mogħtija insostenn ta' applikazzjoni għal ažiż meqjusa kredibbli mir-rechtbank (il-Qorti Distrettwali)? F'dan ir-rigward, ir-rechtbank (il-Qorti Distrettwali) tista' tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha tal-plawżibbiltà tal-biża' ta' persekuzzjoni jew tar-riskju reali ta' dannu serju għal dik tal-Ministru, b'mod partikolari meta, fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli dwar il-pajjiż aċċessibbli għall-pubbliku, ir-rechtbank (il-Qorti Distrettwali) tqis li hija informata biżżejjed sabiex twettaq tali evalwazzjoni?
- 3) Il-ġurisprudenza nazzjonali, pereżempju bis-saħħa tal-awtonomija proċedurali, tista' tillimita s-setgħat imsemmiha fl-ewwel u fit-tieni domanda fis-sens li dawn is-setgħat huma madankollu mogħtija esklużivament lill-Ministru?
- 4) Ir-rechtbank (il-Qorti Distrettwali) tista' tieħu inkunsiderazzjoni informazzjoni li ġiet prodotta fil-kuntest tal-proċedura ta' appell, iżda li kienet għadha ma hijiex disponibbli matul il-proċedura amministrattiva, meta tevalwa l-kwistjoni dwar jekk għandhiex informazzjoni suffiċjenti sabiex tieħu deċiżjoni fuq il-mertu? Huwa rilevanti f'dan ir-rigward jekk il-partijiet setgħux jesprimu bis-sħiħ il-fehmiet tagħhom dwar il-fatti bil-miktub jew waqt is-seduta?
- 5) "Biża' ġġustifikata" fis-sens tal-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (riformulazzjoni) ⁽³⁾, għandha tinftehem bħala s-sitwazzjoni li fiha jeżisti grad raġonevoli ta' probabbiltà li l-applikant għal ažiż jiġi ppersegwit fil-każ ta' ritorn? Dan il-livell ta' probabbiltà raġonevoli għandu jiġi ddeterminat permezz tal-kriterju ta' "persuna avżata u raġonevoli", li bih huwa ddeterminant jekk, mill-perspettiva ta' persuna avżata u raġonevoli li tinsab fis-sitwazzjoni tal-applikant għal ažiż, ritorn lejn il-pajjiż ta' oriġini jidher li huwa irraġonevoli, wara li jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi magħrufa kollha? Jekk le, liema kriterju għandu jiġi applikat?

⁽¹⁾ L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

⁽²⁾ Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (riformulazzjoni) (ĠU 2013, L 180, p. 60).

⁽³⁾ ĠU 2011, L 337, p. 9.